MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 443/2012

**Perit Mariello Spiteri**

**vs.**

**Doris Giordmaina**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ tlett’elef, mitejn disgha u sittin Ewro u tliet centezmi (€3,269.03) dovuta mill-konvenuta lill-attur, rapprezentanti prezz ta’ servizzi professjonali prestati mill-attur lill-konvenuta, liema servizzi ma gewx imhallsa lill-attur.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu

preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tlett’elef, mitejn disgha u sittin Ewro u tliet centezmi (€3,269.03), bl-imghax legali dekorribbli mit-2 ta’ Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------